# Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Mohamed Omar Nasser Abubaker

Illum, 28 ta`Mejju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Mohamed Omar Nasser Abubkaer** (K.I. 116114 L) imwieled il-Libya fit-tnejn ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (02.12.1980) u residenti St Rita Crt, Fl 6, Triq il-Ghadam (Central Business District), Birkirkara, Malta akkuzat talli bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmulha bis-sahha tal-istess Att waqt waqt spezzjoni b' sorpiza li sehhet fit-**30 ta' Lulju 2022 gewwa VIP Barber Shop, Triq Frederick C. Ponsomby, Gzira, Malta,** int, jew impjegati tieghek jew xi persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci rcevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024 Nazmi Houto ha l-gurament ta' interpretu mill-Malti ghal Libjan u vice versa;

Semghet ix-xhieda ta' Marilyn Schembri, Roberto Formosa, Claude Bonnici ghall-prosekuzzjoni u ta' l-imputat Moustafa Ata Moussa Darwish ghad-difiza fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024;

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana datata 21 ta' Marzu, 2023 fil-konfront tal-imputat;

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024 il-partijiet ghalqu l-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), u  81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat x-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha.

Ikkunsidrat

<u>Xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni</u>

**Marilyn Saliba Schembri**, Revenue Inspector mal-Malta Tax Customs Administrator, xehdet fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024,  Ipprezentat *letter to prosecute* fil-konfront ta' Mohamed Omar Nasser Abubaker u Mustafa Ata Moussa Darwish.

**Roberto Formosa**, spettur mal-Malta Tax and Customs Adminstration xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024. Jixhed:

*"Mela nhar il-30 ta' Lulju 2022. Morna VIP Barbershop, il-Gzira konna qeghedin triq Frederick C Ponsomby, Gzira. Rajna bejgh minn barra u r-ricevuta ma hargitx. Il-klijent hareg huma ovvjament ma kien hemm ircevuta tkellimna lill-persuna li ghamel is-sale li kien identifikat mir-residence permit 277616 A as Mustafa Ata Moussa Darwish meta staqsejnieh fuq il-cash register ma kienitx qed tahdem meta staqsejnih ghal-ktieb tal-ircevuti fiskali stajna ninnotaw li kien hemm biss 2 bejgh sewwa. Hareg iz-zewg ircevuti fiskali originali minn diary go kexxun. Meta tlabnieh speci ircevuta qalilna li kien diga' hareg 2 u ghall-ewwel speci ghax din kienet jaqta' xahar tat-tifel ta' 7 euros li speci transazzjoni. Imbghad ra l-ircevuti 2 li kienu lesti kienu ta' 10 qalilna ta 10 speci."*

Jixhed li a rawhx johrog ircevuta fiskali ghas-servizz li kienu rawh jaghti. Fuq l-ircevuti fiskali harighom mill-kexxun. Setghu jinnutaw mill-ktieb li jkien hemm zewgt rcevuti kuljum. F' dan il-kaz kienu 2 ta' 10 euros meta t-transazzjoni kif qalilhom ghall-ewwel li kellmuh qalilhom li kienet ta' 7 euros.  L-ircevuti li qed jezebixxi huma ta' 15 euros u ta' 10 euro li kienu lesti minn qabel u li hargu minn god-diary.

Il-klijent li rawh hiereg mill-hanut kien tifel.  Mistoqsi jekk rawhx jiehu l-flus lit-tifel jirrispondi li *"ahna konnha qeghedin fuq barra ahna konnha qed naraw li bhal speci hallas."*

**Claude Bonnici**, spettur mal-Malta Tax and Customs Adminstration xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2024. Flimkien ma Roberto Formosa kienu qeghedin Triq Frederick C Ponsomby, Gzira fejn VIP Barber Shop. Kienu qed jistennew barra u raw mara u tifel zghir, it-tifel kien qed jaqtaghlu xaghru. Raw lil mara taghti l-flus u kif harget staqsewha ghall-ircevuta u qaltilhom li ma kellhomx ircevuta. Dahlu fil-hanut u kellmu lil dik il-persuna li taghat l-flus il-mara li qalilhom li jismu Mustafa Ata Moussa Darwish.

Innotaw li l-fiscal cash register ma kienx qed jahdem u Darwish beda jipprovah u ma kien qed jahdem xejn. Staqsewh jekk ghandux ktieb tal-ircevuti rrisponda li kellu, hareg

il-ktieb  minn kexxun u innottaw li fuqu kellu zewgt sales biss maqughin li kienu ta' 10 euro l-wahda u baqa' jghidilhom li mhux ser johrog ircevuta ghax kien hareg tnejn. Meta staqsew lil mara kienet qaltilhom li zammitlu 7 ewro u z-zewgt ircevuti kienu ta' ghaxar ewro. Hu baqa jghidilhom li kien hareg ircevuta lil mara. Iz-zewgt ircevuti maqtughin diga kienu bla data u ma kellhomx referenza.

B' referenza ghal ircevuti ezebiti jixhed *"Mela hawnhekk hawn zewg ircevuti ta' cut hair wahda ta' 15 u hawnhekk hawn ta' 10 u zewg ammonti ta' 11 li kienu maqtghuin imma ovvjament ahna qaltilna 7 euro zammilha u xorta din l-vajda jigifieri hu ma tahiex kopja lis-sinjura li harget."*

In kontro-ezami jirrispondi li l-ircevuti huma z-zewgt ircevuti li kienu fil-kexxun. Dawn datati 30/07/2022.

Provi prodotti mid-difiza

**Mustafa Ata Moussa Darwish** xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2024.

Jixhed li hu barbier u kien ha ordnijiet minghand is-sid li ma jiehux flus u ghaliex missier it-tifel huwa habib tal-imghallem u kien jaqtghalu xaghru b' xejn.

Ikkunsidrat

L-imputat Mohamed Omar Nasser Abubaker huwa registrat mad-dipartiment tal-VAT ghan-negozju, VIP Barber Shop, Triq Frederick C. Ponsomby, Gzira, Malta fejn saret l-ispezzjoni b' sorpriza fit-30 ta' Lulju, 2022.

Mustafa Ata Moussa Darwish kien qieghed fil-hanut VIP Barber Shop li huwa registrat fuq Abubaker Mohamed Omar Nasser.

Fil-kaz in ezami z-zewgt spetturi tal-VAT ikkonfermaw bil-gurament li huma raw lil -imputat Darwish jiehu l-flus wara li tifel akkumpanjat minn mara kien qata' xahru. Il-mara giet avvicinata wara li harget mill-hanut, qalet li hallset seba' (7) ewro u ma inghatax ircevuta.

Meta dahlu fil-hanut l-ispetturi osservaw li l-fiscal cash register ma jahdimx, u meta Darwish gie mistoqsi hareg ktieb manwali minn kexxun. L-ispetturi innotaw li kienu qed jinhargu zewgt ircevuti kuljum. Meta kellmuh fil-hanut insista li kien hareg ircevuta imma ma kien hemm ebda' kopja ta' ircevuta ghal seba' ewros.

Meta xehed f' dawn il-proceduri Darwish biddel il-verzjoni u xehed li huma ma zammx flus ghaliex il-klijent kien habib tal-imghallem.

Illi qed jigi ikkunsidrat li l-verzjoni tal-ispetturi tal-VAT hija wahda konsistenti. Huma osservaw il-klijent jghaddi l-flus, u ma kien hemm ebda' rcevuta tal-VAT li tikkorrispondi mal-ammont ta' flus li l-klijenta harget.

Illi l-akkuza giet ipprovata mill-prosekuzzjoni fil-livell rikjest mill-ligi ghal sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Mohamed Omar Nasser Abubaker naqas milli jgib prova li li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiexiżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas u ghalhekk huwa responsabbli skont il-ligi ghar-reat kommess fl-istabiliment tieghu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 qed issib lil imputat **Mohamed Omar Naser Abubaker** hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tikkundannah ihallas multa ta' tlett elef ewro (€ 3,000).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**